32004D0549

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-12 ta' Lulju 2004

li taħtar membru ġdid tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

(2004/549/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari t-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 215 tiegħu,

Billi:

F'ittra bid-data tas-6 ta' Lulju 2004, is-Sur Erkki LIIKANEN irriżenja, b'effett min-nofsillejl tal-11 ta' Lulju 2004, mill-kariga tiegħu bħala membru tal-Kummissjoni. Għandu jiġi sostitwit għall-bqija tal-mandat tiegħu,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Is-Sur Olli REHN huwa hawnhekk maħtur membru tal-Kummissjoni għall-perjodu mit-12 ta' Lulju 2004 sal-31 ta' Ottubru 2004:

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tibda sseħħ fit-12 ta' Lulju 2004.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Lulju 2004.

Għall-Kunsill

Il-President

B. BOT